MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Appell Kriminali Numru. 407/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jesmond J. Borg)**
**Vs**
**Michael Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 252483 (M)] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, nhar il-5 ta' April 2011, ġewwa l-Hamrun, kif ukoll f'dawn l-aħħar tliet xhur, f'ħinijiet differenti f'diversi postijiet madwar Malta:

1. forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-

Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat sar fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ, skont l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li kienu juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, matul dawn l-ahhar 5 snin, f'hinijiet differenti f'diversi postijiet madwar Malta:

3. kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-

Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u specifikata (Diazepam) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

6. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u specifikata (Diazepam) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Gunju, 2012, li biha, wara li rat l-artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) u t-tieni proviso tal-artikolu

22(2)(b) tal-Kapitolu 101 u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(1B), 120A(2)(b)(i) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31, u r-regolamenti 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, u l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-ksur tal-ordni ta' probation imsemmi fl-imputazzjoni 7, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoniet dedotti kontrih bil-kwalifiki fuq spjegati u kkundannatu ghal piena ta' sitt (6) snin prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati għamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom – u multa ta' erbat elef Euro (€4,000), li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u ghoxrin Euro (€120.00). l-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-ħati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanc jiġi dovut minnufih u jigi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Ordnat ulterjorment, ai termini tal-artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' sentejn ħabs sospizi ghal tliet snin mogħtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-30 ta' April 2009 tiġi reża operattiva.

In oltre, peress li jirriżulta li kien hemm ksur fit-termini tal-artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tal-liberta` kondizzjonata ordnata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar is-6 ta' Marzu 2009, li kienet sabet lill-ħati ta' pussess sempliċi tar-raza tal-cannabis, il-Qorti kkundannat lill-hati għal tliet (3) xhur priġunerija ohra.

B'hekk il-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' tmin (8) snin u tlett xhur prigunerija.

Inoltre l-Qorti ordnat lill-hati jhallas l-ispejjeż li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta’ €900.30, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti ordnat li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Fl-ahharnett, il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin li minhabba l-problema li ghandu l-hati ta’ abbuz ta’ droga, jehtieg li jinghata l-kura kollha mehtiega minhabba tali problema.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta’ Gunju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi :

i. tikkonfermaha in kwantu l-astensjoni dwar is-seba` imputazzjoni;

ii. tikkonfermaha in kwantu ghas-sejbien ta’ htija a tenur tal-imputazzjonijiet tlieta u erbgha;

iii. tikkonfermaha fejn ma nghatatx piena ghat-tieni imputazzjoni minhabba li giet dikjarata bhala mezz ghal fini ta’ l-ewwel imputazzjoni;

iv. tikkonfermaha in kwantu instab hati ta’ traffikar fl-ewwel imputazzjoni u tirriforma din id-dikjarazzjoni ta’ htija in kwantu tiddikjarah mhux hati li l-esponenti ttraffika nhar il-5 ta’ April 2011, kif ukoll tirriformaha in kwantu tiddikjarah mhux hati tal-aggravju ta’ din l-imputazzjoni ghal perjodu kollu u billi

v. tiddikjarah mhux hati tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet u

vi. tirriforma l-piena skond il-ligi jew alternattivament billi tirriforma s-sentenza appellata billi :

a. tikkonfermaha in kwantu u kif sabet lill-esponenti hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu,

b. u tirriformaha in kwantu ghal piena, billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-
A. Illi l-ewwel aggravju hu car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi dan l-aggravju jittratta s-sejbien ta' htija ta' tenur tal-ewwel imputazzjoni li tirrigwardaw it-traffikar tad-droga eroina.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli gharrfet li dan it-traffikar ma sarx fi Triq l-Iskola gewwa l-Hamrun, izda gewwa Qormi Road il-Hamrun. Fl-apprezzament tal-provi l-Ewwel Qorti jidher bic-car li waslet ghal konkluzzjoni zbaljata meta qieset li l-ipparkeggjar tal-vettura mit-terz li minnu l-esponenti kien ghadu hiereg sehh appositament sabiex jkunu vicin ta' skola fil-hin li t-tfal johorgu minn hemm.

Bl-akbar din il-konkluzzjoni u interpretazzjoni tal-Qorti ma hijiex *safe and satisfactory* u dan ghas-segwenti ragunijiet:
a. PC 213 Nicolai Borg jikkonferma li meta huwa ghamel gurnata shiha josserva l-movimenti tal-esponenti, tali movement kienu kollha fi Triq Qormi liema triq ma tinsab fiha l-ebda skola;
b. Ma giex ikkunsidrat li l-iskola li quddiema gie arrestat l-esponenti hija skola primarja [bhal ma gie kkonfermat mill-Ispettur J. Borg fix-xhieda tieghu]. Dan huwa fattur ferm important stante li mir-records tal-Caritas u tal-Agenzija Appogg juru bic-car li l-izghar eta` ta' *drug users* f'Malta hija bejn it-13-il sena u l-14-il sena. Etajiet ta' minorenni li jmorru fi skola **sekondarja** u mhux tal-primarja. Kieku l-iskola mertu tal-kaz kienet sekondarja seta` kien jkollha ragun l-Ewwel Qorti tasal ghal konkluzzjoni taghha kif waslet ghalija f'dawn il-proceduri. Pero` hawn l-iskola hija wahda **primarja**.

c. Lanqas ma kkunsidrat l-Ewwel Qorti, li minn tal-anqas kwarta qabel ma tispicca l-iskola primarja, f'pajjiżna teżisti l-kultura [ġaladarba l-iskola mertu ta' dan il-kaz hija wahda pubblika u tal-lokal] li l-genituri tal-minnorenni alunni ta' l-iskola, jkunu kollha kemm huma qedin jistennew lill uliedhom barra l-bieb principali sabiex jigbruhom maghhom malli dawn jirfsu l-bankina. Dan jfisser li l-ebda genitur qatt ma huwa ser jhalli lil uliedu jkellmu persuni mhux maghrufa lilhom u jixtru d-droga.

d. Lanqas ma ittieħed kont ta' fattur ieħor tal-kultura ta' pajjiżna cioe` dak li fl-iskejjel primarji l-istudenti ftit li xejn jkollhom flus fuqhom, stante li l-genituri jaghtu lil uliedhom *a packed lunch* u għaldaqstant l-ħtieġa li jinxtara *lunch* mil-*canteen* tal-iskola hija ferm minimizzata. Li kieku huwa verament minnu li l-esponenti kien quddiem din l-iskola bl-iskop li jbiegh id-droga lil minorenni, kif qatt seta` jithallas jekk dawn il-minorenni qajla jkollhom flus jekk mhux ftit centezimi? Kif qatt bniedem ser jbiegh pakkett eroina li jiswa Euro10 li xi hadd li ma ghandux flus? It-taffikar ta' droga huwa ben risaput li stante li huwa prekluż mil-Liġi ma jingħatax *on credit*. Lanqas *confectionery* u/jew *grocer* ma jaghti *on credit* illum il-ġurnata lill-klijenti regolari tiegħu, aħseb u ara traffikant tad-droga!

e. Lanqas ma ttiehdet konsiderazzjoni tal-fatt li skond l-*arresting officer* tal-esponenti cioe` PS 1174, il-vettura li fiha kien hemm l-esponenti, kienet ghadha kif waqfet hemm. Donnha l-Ewwel Qorti strahet biss fuq il-verzjoni ta' PS 1086, liema verzjoni ma taqbel xejn ma' ta' PS 1174. Ghadu jigi mfakkar kif l-ufficjal tal-pulizija li kien qieghed josserva x'qieghed jigri fl-inhawi tal-iskola kien PS1174 u mhux PS1086 li kien banda ohra u mar jarresta li Michael Carr wara li gie hekk mitlub minn PS 1174 ghall-assitenza. Ghandu jigi mfakkar ukoll kif l-Ewwel Qorti meta giet biex tevalwa dawn iz-zewg testimonjanzi li jikkontradicu lil xulxin minflok ma abbracjat il-principju *in dubbio pro reo* a favur tal-esponenti, applikat l-invers tieghu u strahet fuq il-verzjoni ta' PS1086, meta ma kellhiex taghmel hekk.

f. Bl-akbar dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti lanqas ma huwa gust li hija tisħaq li "hija l-fehma kunsidrata ta' dina l-Qorti, li l-vettura giet ipparkjata f'dan il-lok strategiku,

proprju ghall-habta tas-2.00pm li kif inhuwa risaput huwa vicin il-hin li l-iskola tispicca, sabiex **l-imputat ibiegh ghall-inqas xi whud mit-8 pakketti eroina li kellu fuqu**”. Donna l-Ewwel Qorti ghal darba ohra skartat kompletament ix-xhieda ta’ PC 213 li wera kif l-esponenti ma kellu l-ebda diffikulta li jiltaqa ma prospective buyers gewwa Triq Qormi fil-Hamrun. A bazi ta’ xhiex l-Ewwel Qorti waslet ghal fehma kkunsidrata f’dan ir-rigward ma huwiex mifhum stante li la hija sorretta fuq provi migjuba, anzi l-oppost hemm provi ohra li juru l-kuntlarju, kif ukoll l-istess Qorti lanqas biss ikkunsidrat li l-esponenti ma kienx huwa li kien qieghed jsuq il-vettura u konsegwentement li ma kienx responsabbli ta’ fejn ser tigi pparkegjata izda li ghal dankollu kien terz!

g. L-apprezzament tal-provi maghmul mil-Qorti tal-Magistrati kien wiehed erroneju fis-sens li hija sabet lill-esponenti hati talli huwa kien qieghed mhux biss nhar il-5 ta’ April 2011 u fit-tliet xhur ta’ qabel jittraffika d-droga eroina izda li tali traffikar kien qieghed jsir kull jum għal tliet xhur jsir quddiem din l-iskola!!!

Ma setghetx l-Ewwel Qorti ssib lill-esponenti hati li tali trafifkar kien qieghed kuljum jsir fl-isfond tal-aggravju tal-mitt metru.

U lanqas ma setghet l-ewwel Qorti issibu ħati li huwa t-traffika l-eronia nhar il-5 ta’ April 2011 stante l-esponenti jisħaqq li huwa dakinhar kien għadu ma biegh xejn, kif ukoll li provi li juru xort’ohra lanqas ingabu mil-prosekuzzjoni.

Lanqas ma jista` jingab l-argument li l-esponenti jistaq jinstab hati ta’ tentattiv ta’ traffikar tal-eroina ghal nhr il-5 ta’ April 2011 u dana stante li l-pussess sic et simpliciter ma huwiex parti mil-*commencement of execution* izda semmai biss bhala *preparatory act*.

**Ghaldaqstant in konnessjoni mal-ewwel imputazzjoni L-Ewwel Qorti setghet biss tasal għal sejbien ta’ ħtija tal-esponenti li bejn l-4 ta’ April 2011 u fit-tliet xhur ta’ qabel l-esponenti kien qieghed jittraffika l-eroina u dana minghajr l-aggravju tad-distanza.**

**Kienet korretta l-Qorti tal-Magistrati meta kkunsidrat it-tieni imputazzjoni bhala mezz ghal fini a tenur u bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant ma tatx piena in konnessjoni ma' din l-imputazzjoni.**

B. It-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Bl-akbar dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponenti ma jaqbel xejn mar-raġun tal-Ewwel Qorti li huwa hati kemm tal-hames imputazzjoni kif ukoll tas-sitt imputazzjoni in konnessjoni mad-droga diazepam stante li:

"l-imputat ma ittanta jressaq lanqas l-icken prova li huwa ma kienx jaf li l-eroina li kellu fil-pussess tieghu meta gie arrestat u/jew li kien biegh qabel kienet imhallta bid-diazepam".

Bl-akbar rispett, donnha l-Ewwel Qorti, insiet li l-provi jingabu mil-prosekuzzjoni u mhux mid-difiza. Hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-akkuzi u mhux l-imputat jrid jipprova l-innocenza tieghu. Donnu jidher li l-Ewwel Qorti invertiet l-oneru tal-prova ghal fuq l-esponenti meta dan ma huwiex minnu.

Ghaldaqstant l-apprezzament tal-provi kollha maghmula mill-Ewwel Qorti fil-kuntest tad-droga Diazepam kien wiehed illegali kompletament.

Ma ngabu l-ebda prova li juru li l-esponenti kien ben konsapevoli li s-sachets tal-eroina misjuba fuq il-persuna tieghu kienu jikkontjenu din is-sustanza.

Ħareġ biċ-ċar li lanqas il-prosekuzzjoni ma kienet taf b'dan at investigation stage stante li dawn iz-zewg imputazzjonijiet zdiedu biss wara li l-espert tal-Qorti l-Ispizjar Mario Mifsud irrelata dwar l-inkarigu lilu moghti.

l-esponenti ma huwiex xi spizjar u lanqas ma gew esebiti oggetti li juru li l-esponenti b'xi mod jew iehor kien jhallas l-eroina ma oggetti ohra sabiex jzid fil-piz u/jew kwalita taghha.

Jishaqq l-esponenti li huwa kien jixtri, jiehu ftit minn kul borza ghalieh u minghajr ma jzid xejn aktar jaqbad u jerga jbiegh l-istess li kien jkun xtara huwa stess, bi ftit piz anqas!!

Donna l-Ewwel Qorti insiet kompletament li sabiex tinstab htija ta' persuna ghal delitt, mhux biss jrid jkun ippruvat l-element tal-actus reus, izda ukoll jkun jrid ikun sine qua non ippruvat l-mens rea tal-istess persuna.

Fil-kaz odjern, il-prosekuzzjoni fl-ebda istanza, taħt l-ebda forma jew oħra, ma gabet provi li juru li l-esponenti kellu l-gharfien li s-sachets tal-eroina kienu jikkontjenu d-diazepam! Lanqas ma tezisti xi provi in atti li forsi wieħed jista` jasal għall-konklużjoni / inferenza li setgħet tipprova li l-esponenti kien jaf b'dan il-kontenut ta' diazepam.

Jkompli jisħaq l-esponenti li huwa lanqas ma seta` jinstab hati ta' traffikar u ta' pussess aggravat ta' din is-sustanza għal perjodu ta' tliet xhur, stante li lanqas ma nġabu xi provi li juru, jew jitfgħu dawl li juri li l-qratas tal-eroina mibjugha mill-esponenti kienu kollha jikkontjenu din is-sustanza. Ghaldaqstant is-sejbien ta' htija tal-esponenti ta' dawn iz-zewg delitti aggravati ghal perijodu ta' tlett xhur, l-esponenti jishaqq li ukoll kienet wahda fallaci.

C. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, l-esponenti umilment jikkontendi li l-piena nflitta mill-Onorabbli Ewwel Qorti, setghet fic-cirkostanzi kollha tal-kaz tkun aktar miti u ghalhekk l-esponenti jitlob temperament fil-quantum tal-piena mposta fuqu.

Dan qieghed jintqal mhux fuq il-fattur li s-sentenza sospiza giet attivata [minkejja li setgħet tiġi estiza mil-gdid], u lanqas ma qieghed jigi kkontesta li l-vjolazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta setghet tigi ttrattata mill-Ewwel Qorti, minkejja li l-esponenti jemmen li

l-piena mposta fuqu ghal din il-breach ukoll setghet tkun aktar miti.

L-ammont tal-piena jrid necessarjament jkun evalwat mill-ottika tal-hati li jkun ser jiskonta l-piena mogħtija.

Analizi tal-formula matematika adoperata mil-Ewwel Qorti turi kif l-esponenti minhabba traffikar ta' 720 qartas b'ammont ta' 144 grammi eroina b'kollox weħel 8 snin 3 xhur u Euro4,000.

Din hija piena aktar konsoni ma' pieni moghtija mil-Qorti Kriminali in segwitu ghal xi kaz ta' traffikar fejn is-sustanza tkun *in kilos* and *not in grams.* Dan kollu jiehu sfond aktar serju meta jitqies x'jintqal mil-awturi.

***Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2008*** jghid:
"Disparity of sentence may occur in a number of different forms. The most obvious is where one co-defendant receives a more severe sentence than the other, when there is no good reason for the difference (see, for example, R v Church, 7 Cr.App.R.(S.) 370, CA). There may equally be disparity when the defendants receive identical sentences, despite relevant differences in their culpability or personal circumstances (see R v. Sykes, 2Cr.App.R.(S.) 173, CA;.... There may equally be disparity where the difference between the sentences imposed on two defendants either exaggerates the difference in their culpability or personal circumstances (see R. v. Frankson [1996] 2 Cr.App.R(S.) 366,CA, or <u>is insufficient to mark the difference</u> (see R. v. Tilley, 5 Cr.App.R.(S.) CA; R. v. Griffiths [1996] 2 Cr.App.R(S.) 444, CA)." [5-106].

Il-***Blackstone*** fuq dan il-punt jghid ukoll:
"The failure of the court of sentence to distinguish between offenders when one has powerful mitigation and the other does not can give rise to a <u>successful ground of appeal</u> against sentence." [D25.46].

Ikkonsidrat

**Il-fatti**

Li jirriżulta li fil-5 t'April 2011, l-appellant kien twaqqaf fi Triq l-Iskola li tiġi wara l-għassa tal-Hamrun. Fi tfittxija li saret fuqu kienu nstabu sitt pakketti tal-foil li fihom kien hemm sustanza suspettata resina tal-cannabis. Fuq ġewwa tal-ġakketta kellu żewġ pakketti tal-foil u ġo pakkett minnhom kien hemm ħames qratas u ġo pakkett ieħor kien hemm tlitt iqratas tal-karti suspettati li ġo fihom kien hemm id-droga eroina. Fuq kellu wkoll 225 Ewro.

Mir-relazzjoni tal-espert maħtur mill-Qorti jirriżulta li fis-sitt biċċiet żgħar ta' sustanza kannella kien hemm 2.62 grammi raża tal-pjanta tal-Cannabis. Min-naħa l-oħra fit-trab ta' lewn kannella kien hemm ammont ta' 1.60 grammi ta' Herojina b'purita' ta' 27.2%.

Fit-trab kannella nstabet ukoll is-sustanza Diazepam (circa 1.2%). Skont l-espert maħtur mill-Qorti t-taħlita ta' Diazapem mal-Herojina tagħmel l-Herojina iktar perikoluża fis-sens li persuna li tieħu tali taħlita tista' taqa' f'overdose.

Fl-istqarrija tiegħu l-appellant kien qal li l-cannabis kien jixtriha għalih innifsu waqt li l-herojina kien jieħu mill-pakkett huwa stess u imbagħad ibigħ il-pakkett bl-istess prezz. Huwa qal li daqqa kien ibigħ seba' pakketti u daqqa għaxar pakketti. Huwa kien ilu jagħmel hekk għal madwar tliet xhur qabel il-5 t'April, 2011. Huwa kellu għaxar jew tnax-il persuna li kienu jinqdew minn għandu. L-appellant qal ukoll li kienu waqfu ħdejn l-iskola għax sieħbu hemmhekk sab jipparkja. Huwa kkonferma li l-oġġetti li urew il-pulizija kienu elevawhom minn għandu. Qal ukoll li kien ilu jabbuża mid-droga għal madwar sitt snin (li jiġi qisu madwar April tas-sena 2005). (Ara fol 15).

L-appellant xehed fil-21 ta' Novembru 2011 u spjega kif għamel xi żmien jgħix barra mid-dar, ma kienx ikollu x'jiekol u qabad jagħmilha mal-kumpanija ħażina. Huwa kkonferma l-istqarrija tiegħu kif jidher a fol 92.

**Is-sentenzi mogħtija preċedentement**

M'hemmx dubju li ma kinux għaddew it-tliet snin mis-sentenza mogħtija fit-30 t'April, 2008 għaliex l-allegati reati twettqu fil-5 t'April, 2011. F'din is-sentenza l-appellant kien instab ħati u ngħata piena ta' sentejn priġunerija li kienu sospiżi għal tliet snin.

Dwar is-sentenza mogħtija fis-27 t'April, 2009, l-appellant kien ikkundannat għal piena ta' seba' xhur priġunerija wara li naqas li jimxi mal-ordni tal-Probation.

Dwar is-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati dwar il-pussess tal-cannabis, l-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet li dik kienet tkopri l-perjodu mill-4 t'April, 2006 sal-4 ta' Lulju 2006. It-taħrika ta' llum tkopri l-perjodu 6 t'April, 2006 u l- 5 t'April 2011. Għalhekk għall-perjodu bejn is-6 t'April, 2006 u l-4 ta' Lulju 2006 hija valida l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem*. Biss din l-eċċezzjoni mhix valida għal bejn il-perjodu bejn il-5 ta' Lulju 2006 u l-5 t'April, 2011.

**L-aggravji**

L-ewwel aggravju (l-ewwel u t-tielet parti tiegħu)

L-appellant jissottometti li huwa qatt ma ttraffika qrib ta' skola u li l-parkeġġ kien sar f'dak il-post sempliċiment għax ma nstabx post ieħor fejn wieħed jipparkja.

Din il-Qorti, bir-rispett kollu, mhix taqbel mas-sottomissjoni li għamlet id-difiża dwar li għax l-iskola kienet waħda primarja, allura mhux possibbli li jkun hemm traffikar ta' droga. Il-Liġi ma tagħmel ebda differenza bejn skola sekondarja u skola primarja. Għaldaqstant, il-Qorti mhix qed taċċetta din is-sottomissjoni u lanqas is-sottomissjonijiet l-oħra dwar il-preżenza ta' ġenituri ħdejn il-bieb tal-iskola, li t-tfal żgħar ma jkollhomx flus jew li l-istatistika turi eta' ogħla minn ta' tfal tal-primarja meta tibda tittieħed id-droga. . Il-Liġi hija ċara u tgħodd għal kwalunkwe skola għaliex il-Leġislatur ried li jipproteġi lil kull student kemm jekk fi skola sekondarja kif ukoll jekk fi skola primarja.

Il-Qorti wkoll ser tidħol f'punt legali ieħor qabel ma tgħaddi għall-apprezzament tal-fatti. Mill-atti jirriżulta li l-appellant inqabad ħdejn l-iskola b'ammont ta' droga ta' herojina li kien intiż biex jinbiegħ. Il-fatt li hu ma kienx ser ibigħ dan l-ammont ogħla milli xtrah ma jfisser xejn għal dak li għandu x'jaqsam ma' spaċċjar għax ma hemmx bżonn ta' prova ta' qligħ biex ikun ippruvat l-ispaċċjar ai termini tal-artikolu 22(1B) tal-Kap 101. Effettivament, l-appellant stess kien diġa' qed jagħmel il-qligħ meta kien jieħu ftit sustanza mill-pakketti u wara jerġa' jbigħ l-istess bl-istess prezz. Id-differenza fil-piż kienet qed tkun tkun favurih għax kien qed jissodisfa ruħu hu..

Barra din il-konsiderazzjoni hemm element ieħor li wieħed irid iqis ukoll. Dan hu li l-element tad-distanza ma jgħoddx biss f'każ ta' spaċċjar **iżda jgħodd ukoll meta wieħed jinstab fil-pussess ta' droga fejn iċ-ċirkustanzi juru li d-droga ma kenitx għall-użu esklussiv ta' dak li jkun**. Mill-istqarrija stess kif ukoll mill-mod kif instabet id-droga hemm provi biżżejjed li juru li l-appellant kellu droga fuqu li ma kinitx intiża għall-użu personali tiegħu. Il-Prosekuzzjoni setgħet iżżid il-gravanti mat-tieni imputazzjoni – dik ta' pussess aggravat. **F'din iċ-ċitazzjoni dan il-kliem dwar il-gravanti tad-distanza ma jidhirx miżjud mat-tieni imputazzjoni**..

Dwar il-fatti, l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjoni:

'Hija l-fehma kunsidrata ta' dina l-Qorti li l-vettura ġiet ipparkjata f'dan il-lok strateġiku, propju għall-ħabta tas-2.00pm li kif inhu risaput huwa viċin il-ħin li l-iskola tispiċċa, sabiex l-imputat għall-anqas ibigħ xi wħud mit-8 pakketti eroina li kellu fuqu. Għaldaqstant il-Qorti issib lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu.'

Bħala prattika ġenerali, din il-Qorti ma tiddisturbax il-konkużjonijiet dwar il-fatti li għalihom tkun waslet l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa dak li qalu x-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Ps 1174 Adrian Sciberras xehed li waqqaf lill-appellant fil-5 t'April, 2011 għall-ħabta tas-sagħtejn fi Triq l-Iskola wara l-għassa tal-Hamrun. Fuq l-appellant sabu 6 pakketti foil bir-reżina tal-cannabis. Lill-appellant ħadu l-għassa fejn sabulu żewġ pakketti tal-foil. Go pakkett minnhom kien hemm 5 qratas u ġo pakkett ieħor kien hemm 3 qratas tal-karti suspettat li ġo fihom kien hemm id-droga herojina. Kellu fuqu 225 Euro. Meta twaqqaf l-appellant kien għadu kemm ħareġ minn karozza Hyundai IAD 369. L-appellant kien arrestat meta kien diġa' ħareġ mill-karozza.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-appellant kien għadu kemm ħareġ mill-karozza meta ġie arrestat.

PC 364 David Borg spjega kif fil-5 t'April 2011 huwa u membri oħra tal-Pulizija kienu waqqfu tliet persuni ħerġin minn Hyundai Excel IAD 369 u fosthom kien hemm l-appellant.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li waqffu l-Hyundai meta kienet qed tipparkja. Is-sewwieq ma kienx l-appellant iżda ċertu Michael Carr.

PS 1086 Johann Micallef xehed li hu u membri oħrajn tal-Pulizija kienu waqqfu lill-appellant u żewġ irġiel oħrajn wara l-għassa tal-Hamrun quddiem l-iskola.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-karozza kienet ipparkjata. L-appellant u l-oħrajn kienu ħdejn il-karozza li kienet ilha ipparkjata hemm.

WPC 127 Carmen Gauci xehdet li kienu marru jassistu lill-PS 1174 ħdejn l-iskola tal-Hamrun. Kif waslet hemm PS 1174 indikalhom tliet persuni li kienu fuq il-bankina ħdejn vettura Hyundai Excel sewda bin-numru tar-reġistrazzjoni IAD 369. Hija ma kenitx involuta f'xi observation.

PC 213 Nicolai Borg xehed li fl-4 t'April, 2011 kellu struzzjonijiet biex imur Qormi Road ġewwa l-Hamrun biex jara kienx qed isir traffikar tad-droga. Kien ra lill-appellant Michael Portelli fit-triq tiela' u nieżel minn kantuniera sa kantuniera fejn bdew javviċinawh ħafna nies. Dawn in-nies huma magħrufa mal-Pulizija u beda jinnuthom javviċinaw lejh, jagħmlu kuntatt miegħu u jitliqu. Kienu jagħtuh xi ħaġa u jagħtihom xi ħaġa u jitilqu. Kien innota bejn 10 u 16-il ruħ.. Kien reġa' mar fl-istess post l-għada 5 t'April, 2011 u fejn għall-ħabta tas-siegħa l-appellant kien rikeb f'Hyundai u telaq minn hemmhekk.

L-appellant ikkonferma l-istqarrija (fol 92) fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2011. L-istqarrija saret fil-5 t'April, 2011.

Fl-istqarrija, waqt li nsibu ħafna dettalji li ta l-appellant, imkien ma nsibu xi ammissjoni li huwa kien qed ibiegħ jew ser ibiegħ id-droga ħdejn l-iskola. Filfatt insibu dan il-kliem:

'M: Jekk ngħidlek li int waqaft quddiem l-iskola sabiex tneħħi d-droga hemmhekk, xi tgħidli?

T: Mhux veru. Waqaf hemm għas sab jipparkja hemm.

M: Allura, minn fejn kont qed tneħħi l-pakketti?

T: Illum ma kontx għadni begħt xejn. Il-bieraħ kont qiegħed fit-Triq tal-Gass, jiġifieri Qormi Road.'

Fil-fehma ta' din il-Qorti, waqt li jirriżulta mill-atti li l-nhar il-5 t'April, 2011 l-appellant kien viċinissimu ta' skola b'ammont ta' droga fuqu li ma kenitx intiża għalih, din il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm provi ta' spaċċjar jew xi tentattiv ta' spaċċjar ħdejn l-iskola f'dak il-jum. Ebda xhud tal-Prosekuzzjoni ma xehed li ra lill-appellant jispaċċja jew jittraffika (bit-tifsir kollu li nsibu tal-kelma 'traffikar' fl-artikolu 22(1B) tal-Kap 101) ħdejn l-iskola jew li kien qed jipprova (tentattiv) li jagħmel hekk.

**Iżda mill-atti jirriżulta li dan l-ispaċċjar sar fi Triq Ħal-Qormi fl-aħħar tliet xhur qabel il-5 t'April, 2011.** L-ispaċċjar f'din it-triq jintlaqat bl-espressjoni **'f'ħinijiet differenti f'diversi postijiet madwar Malta' – kliem li jidhru fl-ewwel imputazzjoni.**

L-ewwel aggravju (it-tieni u r-raba' parti).

It-tieni parti ta' dan l-aggravju huwa 'li t-traffikar kien qed isir kull jum għal tliet xhur quddiem l-iskola'.

Bir-rispett kollu, kif diġa' ntqal aktar 'il fuq, iċ-ċitazzjoni tirreferi 'għal diversi postijiet oħra madwar Malta'. Hija u taħdem il-piena, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma qalitx li l-ispaċċjar sar għal tliet xhur quddiem l-iskola.(ara fol 146). L-Ewwel Qorti ħadet bħala bażi l-istqarrija tal-appellant u għamlet kalkolu matematiku **għall-ispaċċjar kollu sar fejn sar biex ipprovat tasal għall-ammont.** Minn dan il-kliem li użat l-Ewwel Qorti ma jirriżultax li dik il-Qorti kellha f'moħħha spaċċjar għal tliet xhur quddiem xi skola iżda spaċċjar tad-droga b'mod ġenerali. Iżda jidher li l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkonsdirat żieda bi grad hija u tikkonsidra ħtija taħt l-ewwel imputazzjoni. Filfatt fis-sentenza tagħha (fol 147) il-Qorti qalet hekk:

'Wieħed irid iqis ukoll li l-imputat inqabad mill-pulizija lest biex jispaċċja d-droga ħdejn skola u għalhekk għandha tiżdied bi grad.'

Għaldaqstant din il-parti tal-ewwel aggravju tista' tiġi biss parzjalment aċċettata fis-sens li fil-fehma ta' din il-Qorti, waqt li mill-provi jirriżulta li sar spaċċjar tad-droga f'postijiet oħra, ma jirriżultax li sar xi spaċċjar ħdejn l-iskola msemmija. Konsegwentement ma kienx ipprovat il-gravanti tad-distanza waqt li ġie ippruvat it-traffikar fid-data msemmija f'postijiet oħra f'Malta.

**Konklużjoni dwar l-Ewwel Aggravju**

Għalhekk din il-Qorti qed tikkonferma l-ħtija li sabet l-Ewwel Onorabbli Qorti dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjoni.. Iżda minħabba nuqqas ta' provi ta' spaċċjar ħdejn l-iskola qed tillibera lill-appellant mill-gravanti tad-distanza mill-ispaċċjar ta' droga ħdejn xi skola nhar il-5 t'April, 2011 u f'kull data oħra msemmija fiċ-ċitazzjoni.

**It-Tieni Aggravju: id-Droga Diazapem**

Is-sottomissjoni ewlenija tad-difiża hija li l-oneru tal-prova huwa fuq il-prosekuzzjoni u li l-appellant ma kellux l-element tal-'mens rea' dwar id-droga diazapem għaliex hu ma kienx jaf li din kienet imħallta mal-herojina.

Ikkonsidrat

Li ż-żieda tal-ħames u tas-sitt imputazzjoni saret wara li kienu magħrufa r-riżultati tal-analiżi li għamel l-espert maħtur mill-Qorti.

M'hemmx dubju li l-appellant ittraffika l-herojina kif ukoll li kellu pussess tal-herojina li ma ma kienx għall-użu personali tiegħu.

Mill-atti ma jirriżultax li l-appellant kien xi novizz fil-kamp tad-droga. Għalhekk kien jaf ukoll li d-droga li tinxtara u tinbiegħ ma tkunx 100% pura u li magħha jista' jkun hemm taħlit ieħor. Isegwi l-appellant kellu il-'mens rea' dwar id-diazepam ukoll. Jaf li għandu xi ħaġa kontra l-Liġi u jaf ukoll li t-taħlit li jsir mad-drogi mhux intiż biex jagħti s-saħħa lil min jixtriha u li t-taħlita tista' tkun tikkonsisti minn kollox, sew dak li hu legali u sew dak li huwa illegali. Int ħati ta' dak li għandek kontroll taħt idejk ġaladarba huwa fatt magħruf li min ibeigħ jew jixtri d-droga jkun jaf li tista' ssib minn kollox fiha.

Għal dak li huwa liġi d-diazapem taqa' taħt it-Taqsima B tal-Kap 31 u mhux taħt it-Taqsima A. Il-Kap 31 huwa aktar sever ma' dawk id-drogi li jaqgħu taħt it-Taqsima A.

Għal dak li huma fatti, jirriżulta bħala prova li d-diazapem instabet mad-droga li kellu fuqu l-appellant nhar il-5 t'April, 2011. Għalhekk m'hemmx prova fl-atti li turi li l-appellant kien jittraffika fi-Diazepam matul l-aħħar 'ħames snin' kif hemm fiċ-ċitazzjoni jew matul 'dawn l-aħħar tliet xhur' kif hemm indikat fis-sentenza. U dan għaliex kien biss fl-analiżi tad-droga li nstabet fuq l-appellant fil-5 t'April, 2011 li nstabet din is-sustanza mħallta mal-heroijina. M'hemmx prova ta' jekk id-diazapem kenitx imħallta mal-herojina li l-appellant biegħ qabel u fil-5 t'April 2011 u m'hemmx prova li l-appellant biegħ id-droga l-ħeroijina fid-data indikata. Konsegwentement il-Qorti qed tillibera lill-appellant mill-ħames imputazzjoni.

Min-naħa l-oħra fir-rigward tas-sitt imputazzjoni hemm il-provi kollha li l-appellant kien fil-pussess tad-Diazepam f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu tiegħu **fil-ġurnata ta' meta kien arrestat biss** għax il-kompożizzjoni tad-droga 'fis-snin' jew 'fit-tliet xhur ta' qabel' ma kienx ippruvat mill-Prosekuzzjoni.

Għalhekk il-Qorti qed tiddisponi mit-tieni aggravju billi qed tillibera lill-appellant mill-ħames imputazzjoni (traffikar ta' diazapem) waqt li qed issibu ħati tas-sitt imputazzjoni limitatament għal jum ta' meta kien arrestat.

**L-aggravju dwar il-piena**

Il-Qorti ser tipprovdi dwar il-piena fil-konklużjoni. L-ewwelnett il-Qorti ssostni li ss l-appellant mhux qed ikun korrett meta fil-paragrafu 5 tiegħu (fol 164) jirreferi għal piena komplessiva bla ma jqis li parti minn din il-piena hija d-dħul fis-seħħ tas-sentenza sospiża – sentejn - kif ukoll li l-imputat ma nstabx ħati ta' traffikar ta' herojina biss.

Barra dan, l-ammont hawnhekk ma jistax jitqies li huwa biss dak li nstab fuq l-appellant nhar il-5 t'April, 2011. **Wieħed irid jikkonsidra wkoll ammont kemm jista' jkun konservattiv dwar dak li l-appellant spaċċja kif qal huwa stess fl-istqarrija liema stqarrija huwa kkonferma meta kien fuq il-pedana tax-xhieda.**

Fuq kollox, kull każ irid ikun meqjus għalih u huwa inutli t-tqabbil ta' piena ta' każ ma' każ ieħor. Din hija massima li rrepetiet *ad nauseam* il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri). L-Ewwel Onorabbli Qorti wiżnet ħafna elementi, fosthom

(a) il-fedina penali xejn sabiħa tal-appellant;

(b) li t-traffikar kien ilu sejjer għal tliet xhur u li kien qed ikollu kuntatt ma' bejn minn għaxra sa tnax-il persuna. Hawnhekk, l-Ewwel Qorti korrettement għamlet somma aritmetika ibbażata fuq dak li qal l-appellant stess. Huwa tajjeb li titħaddem il-matematika għaliex wieħed ikun aktar eżatt. Id-difiża qed tibbaża kollox fuq il-fatt li meta nqabad bid-droga herojina fuqu, l-ammont misjub kien ta' 1.60 grammi b'purita' ta' 27.2%. Iżda din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-provi mhux limitati għal dan l-ammont biss ġaladarba l-appellant ammetta l-metodu ta' kif kien qed jopera għal aktar minn jum wieħed. Filfatt l-appellant qal:

*'M.Kemm tikkalkula li kont qed tbiegħ pakketti mill-herojina meal?*
*T: Daqqa sebgħa pakketti tat-€10 u daqqa għaxar pakketti skont.*
*M: U kemm ilek li bdejt tneħħi dawn il-pakketti?*
*T: Forsi għal dawn l-aħħar tliet xhur. Pero' kif għidltek, jien mhux biex naqla' l-flus minnhom imma biex nieħu naqra mill-pakketti.'*

Il-Qorti tal-Maġistrati kkonsidrat medja ta' 8 qratas kull jum u mmoltiplikatu b'90 jum. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan mhux kalkolu ħażin. Din il-Qorti, pero', lesta li tagħti l-benefiċċju tad-dubju lill-appellant u tikkonsidra tnaqqas xi ftit dan l-ammont għal tliet raġunijiet:

(i) għaliex huwa uża l-kelma 'forsi'[1] – kelma li ma turix ċerta livell ta' eżattezza; u

[1] Din il-kelma tidher ukoll dwar in-numru ta' persuni.

(ii) l-appellant kien qiegħed jagħmel stqarrija fil-kwartieri tal-Pulizija fejn l-istress jista' jkollu effett fuq kemm id-dettalji tan-numri huma eżatt; u

(iii) diffiċli tiftakar eżatt kemm tkun bigħt droga fuq medda ta' disgħin jum ilu.

Allura mhix teskludi li l-ammont kien anqas minn dak indikat.

(ċ) Ma' dan kollu jrid jiżdied li mhix skuża aċċettabbli li wieħed jispaċċja d-droga biex jiffinanzja l-vizzju tiegħu. Il-Qorti **qatt** ma tista' taċċetta skuża bħal din.

Fl-aħħar parti tal-appell tiegħu l-appellant irrefera għall-astensjoni tal-Ewwel Qorti mis-seba' imputazzjoni. Hawnhekk l-astensjoni hija **limitata biss** għall-ordni tal-Probation għax minħabba li l-appellant ma mexiex mal-ordnijiet tal-Probation Officer, il-Qorti Kriminali kienet diġa' kkundannatu għal seba' xhur priġunerija u **ħadd m'għandu jkun punit darbtejn. .**

Il-Qorti qed taqbel perfettament mad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li ddaħħal fis-seħħ il-piena ta' priġunerija ta' sentejn li kienu sospiżi għal tliet snin. (Dan kien ukoll li talbet il-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni).

Il-Qorti qed tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tal-ewwel imputazzjoni (traffikar ta' heroijina) iżda qed tillibera lill-appellant mill-aggravju tad-distanza li jidher taħt l-ewwel imputazzjoni kif ukoll mis-sejbien ta' traffikar tad-droga Herojina ħdejn l-iskola fil-5 t'April, 2011.

Qed tikkonferma ħtija tat-tieni imputazzjoni (pussess mhux għall-użu esklussiv tiegħu). Bħall-Ewwel Qorti qed tqis it-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni.[2]

[2] Skont ir-rikors tal-appell a fol 156, l-appellant ma kienx qiegħed iressaq l-ebda forma ta' appell in konnessjoni mas-sejbien t'a ħtija tiegħu ta' pusess aggravat u ta' pussess sempliċi tad-droga heroijina u lanqas il-pussess sempliċi tal-cannabis ta' bejn il-perjodu 5 t'April 2011 u fit-tliet xhur ta' qabel u dan għal raġunijiet ovvji.

Qed issib lill-appellant ħati tat-tielet (pussess sempliċi ta' heroijina) u tar-raba' imputazzjoni (pusssess tar-raża tal-cannabis).

Qed tillibera lill-appellant mill-ħames imputazzjoni (traffikar ta' diazepam).

Qed tikkonferma l-ħtija tal-appellant dwar is-sitt imputazzjoni (pussess aggravt ta' diazepam)

Dwar is-seba' imputazzjoni l-Qorti qed tikkonferma li għandha tidħol fis-seħħ is-sentenza sospiża mogħtija fit-30 t'April, 2008;

qed tikkonferma dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti dwar is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fis-6 ta' Marzu 2009

qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ordni tad-Probation għall-istess reġunijiet mogħtija aktar 'il fuq.

**Konklużjoni**

Għalhekk il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fil-15 ta' Ġunju 2012 billi qed tikkonfermaha fejn sabet ħtija dwar it-tieni imputazzjoni ta' pussess ta' droga heroijina mhux għall-użu personali, it-tielet, ir-raba'u s-sitt imputazzjoni kif ukoll dwar dik il-parti tas-sentenza rigwardanti s-seba' imputazzjoni fejn il-Qorti tal-Maġistrati daħħlet fis-seħħ is-sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija fit-30 t'April, 2009 u fejn ħadet konjizzjoni tas-sentenza mogħtja mill-Qorti tal-Maġistrati fis-6 ta' Marzu 2009 u qed tirriformaha fejn sabet ħtija taħt l-Ewwel imputazzjoni u taħt il-ħames imputazzjoni u fejn imponiet sentenza komplessiva ta' tmien snin u tliet xhur u l- ħlas ta' multa ta' erbat elef Ewro (€4000) u minflok qed issib lill-imputat ħati tal-Ewwel imputazzjoni iżda mingħajr ħtija ta' spaċċjar ħdejn l-iskola fil-5 t'April, 2011 u għalhekk mingħajr il-gravanti tad-distanza fil-5 t'April, 2011 u f'kull data oħra msemmija fiċ-ċitazzjoni, qed tilliberah mill-ħames imputazzjoni u minflok il-piena

erogata ta’ 8 snin u tliet xhur priġunerija (inkluża s-sentenza sospiża) u l-ħlas ta’ multa ta’ €4000, ġaladarba din il-Qorti illiberat lill-appellant mill-gravanti tad-distanza u mill-ispaċċjar ħdejn l-iskola nhar il-5 t’April, 2011 taħt l-ewwel imputazzjoni, illiberatu mill-ħames imputazzjoni, ħasbet mill-ġdid dwar l-ammont ta’ spaċċjar għar-raġunijiet mogħtija aktar ‘il fuq, qed tikkundanna lill-appellant għal piena ta’ priġunerija komplessiva ta’ **erba’ snin u sitt xhur** (kompriża s-sentenza sospiża) u għall-ħlas ta’ multa ta’ €2300 (elfejn u tliet mitt Ewro) liema multa għandha jew titħallas f’daqqa jew b’rati mensili ta’ sebgħin Ewro kull erba’ ġimgħat bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum. Jekk il-multa titħallas b’rati mensili, jekk l-appellant jonqos li jħallas xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f’daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, allura din għandha tinbidel f’terminu ta’ priġunerija skont il-Liġi.

Qed tikkonferma il-partijiet kollha l-oħra tas-sentenza msemmija inklużi id-dettalji relevanti dwar il-ħlas dovut lill-esperti (€900.30) li għandhom jitħallsu fi żmien sitt xhur u li dawn ukoll jistgħu jkunu konvertiti fi priġunerija skont il-Liġi jekk jibqgħu ma jitħallsux. Qed tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------